IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum 17 ta' Settembru, 2025

Rikors numru: BCT/17/2025

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sarsero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Paul Sultana

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' rikors fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 22 ta' Jannar, 2025 fejn permezz taghha l-Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' ghaxart elef euro (€10,000) u dana peress li "*nhar il-15 ta' Jannar, 2025, u fil-granet jew fix-xhur ta' qabel instabt taghmel xoghol ta' kostruzzjoni gewwa l-istess sit, minghajr ma ssottomettejt applikazzjoni ghal-licenzja ta' kuntrattur skont Taqsima 1, Regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.09*"

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-Awtorita` appellata qeghda umilment tissottometti li kwakunkwe decizjoni mehuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*
2. *Illi qeghdin jkunu prezentati ma' dan l-appell 'Trail of Events' Immarkata Dok A u ritratti mmarkati bhala Dok B1 sa Dok B4.*
3. *Illi hekk kif gie indikat mill-appellant tali att maghmul jaqa' taht id-definizzjoni ta' kostruzzjoni, liema L.S. 623.09 jistipula li t-terminu kostruzzjoni ghandu jkun dak uzat fil-Kap. 623. Dan ifisser li skont reg 3(1) tal-LS 623.09 jinnecessita licenzja.*
4. *Illi filwaqt li huwa allegat li l-appellanti kien f'posizzjoni ta' impossibilita` ma giet provduta l-ebda raguni li jsostni dan.*
5. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qieghda umilment titlob li dan l-Onor. Tribunal sabiex tichad l-appell odjern.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet.

Ra li waqt is-seduta tas-27 t'Awwissu, 2025 l-avukat tal-appellanti a nom tieghu irregistra ammissjoni filwaqt li l-avukat tal-Awtorita` appellata ddikjara li f'tali kaz il-penali ta' hamest elef euro (€5000) tkun wahda idoneja u sufficjenti.

Ra li l-appell gie differit ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi r-regolament 3 tal-Ewwel Taqsima tal-LS 623.09 jipprovdi testwalment li

(1) L-eżerċizzju ta' kwalunkwe attivitajiet ta' servizz stipulati fl-Iskeda I ma għandux jitwettaq minn kwalunkwe persuna jew entità sakemm l-imsemmija persuna jew entità ma tkunx kisbet liċenzja valida għall-eżerċizzju ta' tali attività ta' servizz.

Illi waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju, 2025 l-avukat tal-Awtorita` ddikjara li l-posizzjoni tal-Awtorita` hi li, f'kaz ta' ammissjoni tal-akkuzi kif dedotti permezz tad-decizjoni appellata, il-penali ta' hamest elef euro (€5000) tkun wahda idoneja u sifficjenti.

Illi waqt is-seduta tas-27 t' Awwissu, l-avukat tal-appellanti ddikjara, a nom tal-istess appellanti, li huwa qed jaqbel mal-Awtorita` b'dana li l-appellanti jammetti l-akkuzi kif dedotti kontrih u konsegwentement ihallas l-penali ta' hamest elef euro (€5000) kif verbalizzat waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju, 2025.

Konsegwentement giet registrata l-ammissjoni tal-appellanti filwaqt li l-avukat tal-Awtorita` tenna l-posizzjoni tieghu kif verbalizzata fis-seduta tat-30 ta' Lulju, 2025.

Illi dan it-Tribunal anke kif kompost diga` kellu l-okkazzjoni li jindirizza kazijiet simili bhal dak odjern fejn l-imposizzjoni ta' penali ta' hamest elef euro (€5,000) f'kaz ta' sejbien ta' responsabilita` da parti tal-persuna akkuzata, giet meqjusa bhala gustifikata in kwantu ekwa, gusta u idoneja ghall-ksur tal-ligi riskontrat.

Illi ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-istess appellanti u wkoll in vista ta'dak verbalizzat mill-partijiet, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' l-appell limitatament sakemm kompatibbli mas-surreferit.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq qiegħed jilqa' l-appell sakemm kompatibbli mas-surreferit u konsegwentement jirriforma d-decizjoni datata billi jirriduci l-penali amministrattiva imposta ghas-somma ta' hamest elef euro (€5000) u jikkonfermaha ghall-bqija.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sarsero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru